MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 656/2013

**GO p.l.c C22334**

**vs.**

**Alder Margaret K.I. 64015(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 t'Ottubru 2013, illi permezz tiegħu is-soċjeta attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' elf, tliet mija u sittax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€1,316.65c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekomunikazzjoni, u cioe dak tat-televiżjoni, internet u telefon, kont numru *A/C40171597* mogħtija mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġie debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' elf, tliet mija u sittax -il Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€1,316.65c), bl-imgħax legali dekorribbli mill-4 ta' Ottubru 2013 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------